## Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# RIK NRU 58/2019: **GASANMAMO INSURANCE LIMITED (C3143) FID-DRITTIJIET TAL-ASSIGURAT TAGĦHA ALAMANGO BRIDAL LIMITED SKOND IL-LIĠI U SKOND IL-POLZA TAL-ASSIGURAZZJONI (CLAIM N175550) V. GRACE CARMEN AZZOPARDI (KI. 77802L)**

(CULPA AQUILIANA – DANNI – IL-PROVA TAD-DANNU TISPETTA LIL MIN JALLEGA LI SOFRIH – ID-DANNEGGJAT GHANDU JKOLLU D-DRITT JIKKONSEGWIXXI RIZARCIMENT EFFETTIV LI JIRRIENTEGRA L-PATRIMONJU TIEGHU MINN KULL KONSEGWENZA EKONOMIKA TA' L-EVENT DANNUZ – GHALKEMM MIN ISOFRI D-DANNI GHANDU D-DOVER LI JIMINIMIZZAHOM, M'HUWIEX OBBLIGAT JITGHABBA B'PIZIJIET BIEX INAQQAS IL-HSARA – HUWA L-INTIMAT LI JRID JIPPROVA LI KIEN HEMM PASSI RAGJONEVOLI LI SETA' JIEHU R-RIKORRENT SABIEX JIMMITIGA L-HSARAT LI JKUN SOFRA)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**24 ta' April 2023**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' GasanMamo Insurance Limited[1] ("ir-rikorrenti" jew "il-kumpanija rikorrenti") intavolat fis-26 ta' Marzu 2019 li permezz tiegħu talbet lil Grace Carmen Azzopardi ("l-intimata") sabiex tidher fid-data appuntata għas-smiegħ u tgħid l-għaliex m'għandiex tiġi kkundannata li:

[1] Fol 1

Tħallas is-somma ta' €6,154.59 rappreżentanti danni sofferti minn Alamango Bridal Limited b'kawża ta` perkolazzjoni ta` ilma fil-ħanut tat-tessili magħruf bħala Philip Alamango numru 95 Manuel De Vilhena Street, Gżira operat minn Alamango Bridal Limited liema *burst pipe* kien fil-proprjetà soprastanti fil-pussess tiegħek, u għal liema inti responsabbli.

Illi b'riżultat ta` dan l-inċident ixxarbet kwantità kbira ta` merkanzija u b'hekk kien hemm ħsara ammontanti kwantu għal €3,577.51 bħala danni f'41 fabric rolls, €350 bħala emergency water extraction and carpet partial replacement, €1,725.95 għal *dismantling and replacement of upholstery soffit and wall panels* li minn liema somma trid titnaqqas €360 bħala salvage u €58.23 bħala policy excess u ma` liema somma jrid jiżdied l-ammont ta` €917.36 loss adjusters survey fees, li jġib total ta` €6,154.59.

Illi s-socjeta rikorrenti ikkumpensat lill-assigurat tagħha d-danni fuq imsemmija a bazi tal-polza ta` assigurazzjoni u b'hekk ġew debitament surrogati skond l-ligi u skond il-polza ta assigurazzjoni. L-intimati interpellati sabiex jersqu għall-ħlas ta` danni subiti baqgħu inadempjenti.

Bl-ispejjeż u bl-interessi mid-data tal-preżentata ta` dan ir-rikors kontra l-intimati li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni.

wara li rat ir-risposta tal-intimata[2] ppreżentata fil-31 ta' Diċembru 2020 li permezz tagħha laqgħet għat-talbiet tar-rikorrenti kif ġej:

1. **Illi fl-ewwel lok, is-soċjeta' attriċi jeħtiġielha illi tindika b'mod ċar u preċiż id-data meta allegatament seħħet il-perkolazzjoni ta' ilma riżultat ta' "*burst pipe*" , mertu dawn il-proċeduri, u dana bil-għan illi l-intimata tkun f'qagħda aħjar illi tifformula ir-risposta tagħha, dwar liema hija tirriserva li tressaq eċċezzjonijiet ulterjuri.**

2. **Illi fit-tieni lok, mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, it-talbiet tas-soċjeta' attriċi huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istes soċjeta'.**

3. **Illi fit-tielet lok, mingħajr preġudizzju għas-suespost, mhuwiex minnu illi l-eċċipjenti għandha tħallas xi ammonti, in linea ta' danni lis-soċjeta' attriċi stante illi kwalisasi danni allegatamnet sofferti mis-soċjeta' Alamango Bridal Limited ma humiex tort u/jew negliġenza tagħha.**

[2] Fol 37

4. **Illi fir-raba' lok, mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti tirrivela illi l-*quantum* tad-danni reklamati qiegħed jiġi kkontestat stante illu huma esaġerati u ma jimmeritawx li jiġu akkolti.**

**Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Bl-ispejjeż kollha kontra l-istess soċjetą' attriċi.**

wara li rat illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta permezz tal-assenjazzjoni magħmula mill-S.T.O Prim Imħallef ai termini tal-Artikolu 520(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 11(9) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta b'effett mill-10 ta' Mejju 2019,

wara li semgħet ix-xhieda u qrat it-traskrizzjoni tat-testimonjanzi tagħhom,

wara li rat il-bqija tal-atti proċesswali inkluż numru ta' *affidavits* li ġew ippreżentati,

wara li rat li fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2022 il-Qorti ddikjarat l-istadju tal-provi tal-intimata magħluqa u wara li Dr. Claudine Pace Zarb għall-kumpanija rikorrenti ddikjarat li l-kawża tista' tmur għas-sentenza, l-Qorti ħalliet il-kawża għas-sentenza,

qed tagħti din is-

**Sentenza**

*Fatti fil-qosor*

1. Il-kumpanija rikorrenti ġiet surrogata fid-drittijiet tal-assigurata tagħha Alamango Bridal Limited skond il-liġi u skond il-polza tal-assigurazzjoni (Claim N 175550) a bażi ta' Discharge / Subrogation Form iffirmata mill-assigurata tagħha datata 24 ta' April 2018 (fol. 65). Ir-rikorrenti qed titlob risarċiment tad-danni sofferti mill-assigurata tagħha meta fis-17 ta' April 2017 għal ħabta ta' l-għaxra ta' filgħodu (10:00 a.m.) daħal ilma fil-ħanut "Alamango", ġewwa 95, Triq Manoel Vilena Gżira, proprjetà' tal-kumpanija Alamango Bridal Limited li naturalment kienet koperta b' polza tal-assigurazzjoni maħruġa mill-kumpanija rikorrenti.

2. L-intimata kellha l-pussess tal-fond soprastanti l-proprjeta' ta' Alamango Bridal Limited, ċioe' 97, Walters, Triq Manoel de Vilhena, Gżira. Meta seħħ l-inċident mertu ta' din il-kawża fil-fond 97, Walters, Triq Manoel de Vilhena, Gżira kienu qed isiru xogħolijiet ta' natura strutturali.

*Provi*

3. **Naomi Portelli**, *claims adjuster* mal-kumpanija rikorrenti, xehdet bil-mezz tal-affidavit[3] u qalet li l-kumpanija Alamango Bridal Limited kienet assigurata ma' GasanMamo Insurance abbażi ta' polza ta' assigurazzjoni magħrufa bħala *Business Project*. Il-kumpanija rikorrenti ġiet notifikata fis-17 ta' April 2017, permezz ta' email mingħand[4] il-*broker* Thomas Smith Insurance Brokers Limited, li filgħodu ta' dak in-nhar stess, il-kumpanija assigurata kien daħlilha l-ilma fil-ħanut tagħha bl-isem "Alamango", ġewwa 95, Triq Manoel Vilena, Gżira.

   L-għada tal-inċident u ċioe' fit-18 ta' April 2017, l-assigurata bagħtet *claim form* permezz ta' email[5] u ritratt ta' rombli ta' drapp fin[6] li sofrew ħsarat b'riżultat tal-perkolazzjoni tal-ilma fil-ħanut. Ix-xhud esibiet ritratti li l-assigurata bagħtet lir-rikorrenti tal-ħsarat permezz ta' *email* datata 18 ta' April 2017 (Dok NP 2, claim form[7] u ritratt ta' rombli ta' drapp fin[8]).

   Il-kumpanija rikorrenti inkarigat minnufih *loss adjuster* indipendenti, ċioe Odette Farrugia ta' Signet Strategies sabiex tagħmel *survey* fuq il-post, tara jekk l-avveniment dannuż jaqax taħt il-polza u eventwalment sabiex tikkwantifika d-danni.

   Skond ir-rapport ta' Odette Farrugia d-dħul tal-ilma fil-ħanut Alamango seħħ minħabba li fil-fond ta' fuq il-ħanut, u ċioe' il-fond 97, Walters fi Triq Manoel de Vilhena, Gżira kienu qed isiru xi xogħolijiet strutturali. Il-ħsarat sofferti mill-assigurata kienu jikkonsistu f'tixrib ta' diversi rombli (41) ta' drappijiet li kienu ser jinbiegħu fil-ħanut, ħsara fuq fitted carpet, pannelli tal-injam u soffit li kienu miksija bid-drappijiet li lkoll kienu xxarbu.

   Fis-17 ta' Lulju 2017, l-assigurata kienet kitbet ittra lis-sid tal-fond soprastanti minn fejn kien ħareġ l-ilma, u ċioe' lil Grace Azzopardi, fejn din inżammet responsabbli għall-ħsarat ikkawżati minnha. L-ittra intbagħtet permezz ta' posta reġistrata li ma però ma kienitx inġabret. Eventwalment fl-14 ta' Diċembru 2017, l-intimata ġabret kopja ta' din l-ittra mingħand Alamango Bridal Limited stess.

---

[3] Fol. 41 et seq
[4] Dok NP 1, anness mal-affidavit
[5] Fol. 44A - 47
[6] Fol. 48
[7] Fol. 44A – 47, Dok NP 2
[8] Fol. 48, Dok NP 2

F' Ottubru 2017, r-rikorrenti għamlet *cash settlement* ta' € 5,237.23 lill-assigurata u b' hekk ġiet surrogata fid-drittijiet tagħha skond il-liġi. ta' Alamango Bridal Limited.

Apparti s-somma ta' € 5,237.23 li ħallset lill-assigurata tagħha, r-rikorrenti ħasset ukoll is-somma ta' € 917.36 u għalhekk is-somma totali ta' danni sofferti minnha tammonta għal **<u>€ 6,154.59</u>**.

Fil-14 ta' Ġunju 2018 ir-rikorrenti bagħtet ittra reġistrata lill-intimata li fiha saret referenza għal żewġt inċidenti separati peress li fil-frattemp kien seħħ inċident ieħor (mhux mertu ta' din il-kawża) li sa dak iż-żmien kien għadu mhux kwantifikat bħala danni. Fl-10 ta' Lulju 2018 ir-rikorrenti rċeviet ittra legali b'risposta għall-ittra tagħha fejn ġiet mitluba tibgħat diversi dokumenti (Dok NP 3 email datata 13 Lulju 2018[9]). Wara li l-intimata baqgħet ma rrispondietx għall-ittra legali interpellatorja datata 6 ta' Diċembru 2018 [10], ir-rikorrenti pproċediet billi tiftaħ dawn il-proċeduri.

4. **<u>Philip Alamango</u>** xehed ukoll permezz ta' affidavit[11]**.** Huwa spjega li jiġi d-direttur tal-kumpanija assigurata Alamango Bridal Limited li għandha ħanut tad-drappijiet tal-okkażjoni bl-isem "Alamango", 95, Triq Manoel de Vilhena, Gżira. Qal illi fis-17 ta' April 2017 meta l-ħanut kien miftuħ beda dieħel ħafna ilma fl-istess ħanut. L-ilma kien ġej mill-fond ta' fuq il-ħanut. Kaġun ta' dan l-ingress ta' ilma l-kumpanija sofriet diversi ħsarat inkluż it-tixrib tas-soffit, tal-wall panelling, xkafef tal-injam, diversi rombli tad-drapp tal-ħarir kif ukoll tapit. Xehed li l-fond ta' fuq il-ħanut huwa tal-intimata Grace Azzopardi u fiż-żmien tal-inċident kienu qed isiru xi xogħolijiet strutturali fih.

   Il-kumpanija infurmat lill-brokers tal-assigurazzjoni tagħha Thomas Smith li min-naħa tagħha nfurmat lill-kumpanija rikorrenti. Ix-xhud ikkonferma li ffirma l-*claim form* (fol. 53-56, Dok PA 1).

   Min-naħa tagħha l-kumpanija rikorrenti qabbdet *surveyor u loss adjuster* sabiex tara xi ħsarat kien hemm fis-soffit, wall panelling, wall covering, xkafef u twapet u flimkien mal-impjegati tal-kumpanija assigurata daru d-drappijiet imxarrbin biex jaraw kemm mid-drapp kien irvinat u kemm seta' jiġi salvat. Il-kumpanija kitbet ittra lil Grace

[9] Fol. 49, Dok NP 3
[10] Dok. NP 5. Fol. 51
[11] Fol. 52 et seq

Azzopardi biex tinżamm responsabbli għad-danni (fol. 57, Dok. PA 2, ittra mingħajr preġudizzju datata 17 ta' Lulju 2017). Ġew mgħoddija ukoll lil intimata kopja tal-fatturi għall-oġġetti li kienu ġarrbu ħsarat ( Dok PA 3, fol. 58 sa 64). Finalment kkonferma li wara li l-kumpanija rikorrenti għamlet il-verifiki tagħha rigward id-danni li ġarrbet l-assigurata tagħha, din tħallset is-somma ta' **€ 5,237.23** (Dok PA 4, fol. 65).

5. **Jessica Micallef,** senior broker ma Thomas Smith Insurance Brokers Limited xehdet b'affidavit[12]. Hija qalet illi fis-sena 2017 kienet tokkupa l-kariga ta' Insurance Supervisor. Ikkonfermat li fis-sena 2017 l-kumpanija Alamango Bridal Limited kellha polza tal-assigurazzjoni magħrufa bħala Business Project mal-kumpanija rikorrenti Ikkonfermat ukoll dak li xehdet ix-xhud Naomi Portelli kemm għal dak li għandu x' jaqsam l-involviment tal-kumpanija rikorrenti kif ukoll il-konklużjonijiet tas-surveyor, Odette Farrugia ta' Signet Strategies imqabbda mill-kumpanija rikorrenti.

   Dwar il-ħsarat sofferti xehdet illi:

   > "*il-ħsarat kienu jammontaw għal EUR 5655.46 li minnhom imbagħad kien tnaqqas EUR 58.23 bħala policy excess. Eventwalment kien tnaqqas ukoll EUR 360 bħala salvage u għalhekk finalment l-assikurata Alamango Bridal Limited tħallset minn GasanMamo Insurance Limited is-somma ta' EUR 5237.23 għal ħsarat li kienet ġarrbet fil-ħanut in kwistjoni.* Apparti minn din is-somma, GasanMamo Insurance Limited kellha tħallas ukoll l-ispejjeż tas-surveyor."

6. **Odette Rosaria sive Odette Farrugia** xehdet permezz ta' affidavit[13] illi hija taħdem bħala *surveyor* u *loss adjuster* mad-ditta Signet Stategies. Spjegat illi hija kienet ġiet inkarigata minn GasanMamo Insurance Limited fit-18 ta' April 2017 sabiex tevalwa l-kwistjoni mill-lat ta' *survey* u *loss adjusting* u wara li tkellmet mal-broker konċernat aċċediet fuq il-post dakinhar stess fis-sitta u kwart ta' filghaxija (6:15 p.m.). Hi ġiet infurmata li l-inċident kien seħħ il-ġurnata ta' qabel filgħodu waqt li l-ħanut kien miftuħ għan-nies.

   Fl-affidavit tagħha xehdet fid-dettal fuq dak li kkonstatat u in sostenn hija esebiet ukoll sensiela ta' ritratti. Fuq id-dinamika tal-perkolazzjoni tal-ilma ġewwa l-fond tal-assigurata spjegat kif ġej:

[12] Fol. 72
[13] Fol. 73-265, Dok OF – Dok OF 15, inkluz dokument annessi mal-affidavit

> "*Għandi nghid illi l-ħanut Alamango Bridal Limited jinsab fl-indirizz, 95, Triq Manoel de Vilhena, Gzira. Irrizultali illi l-ilma kien nieżel fil-ħanut in kwistjoni mill-propjeta' ta' fuqu li dak iz-zmien kienu qed isiru xi xogholijiet fih. Dan ċarċar mal-hajt divizorju kif ukoll beda jċarar minn gos-saqaf.*
>
> *Jiena imbagħad tlajt fil-propjeta' ta' fuq il-ħanut u cioe' fil-fond 97, Walter's, Triq Manoel de Vilhena, Gzira, fejn iltqajt mal-propjetarja Mrs Grace Azzopardi. Staqsejtha biex tfehmni x' ġara u milli qaltli stajt nifhem li l-ilma ħareġ mill-pipe tal-mains li kien hemm sfuz fit-taraġ li jaghti għall-ewwel sular, biex din inqalghet minn postha. Minn hawnhekk l-ilma niżel erba' tarġiet u wasal fl-indana fejn ma sab l-ebda' lqugħ u saħansitra beda diehel f' kamra fejn ma kienx hemm madum. Dan il-madum kien tneħħa parti mix-xogholijiet li kienu qed isiru, bil-konsegwenza li dan l-ilma gie dirett fuq ix-xahx u t-trab u saħansitra niżel fil-vojt ta' bejn il-hajt divizorju u l-art. Għalkemm xaqq zghir l-ilma kien ġej taħt pressa u ma sab xejn x' jassorbi jew jissigilla. Sakemm l-ilma baqa' ġej dan sab ruhu fil-propjeta' tal-assigurat.*
>
> *Alamango Bridal Ltd. informawni li malli raw l-ilma diehel mill-ewwel marru jħabbtu fuq il-bieb ta' 97, Walter's biex jinformawha imma Mrs Grace Azzopardi ma semgħathomx. Il-bieb ta' barra jidher li ċeda waqt li kienu qed ihabbtulha u kienu huma stess li għalqulha l-ilma tal-mains sakemm nizlet l-isfel. Fl-istess hin impjegati ohra fil-ħanut kienu qed inehhu r-rombli imxarbin mill-ixkafef tal-ħanut u jixxuttaw l-ilma kif jistghu biex inaqqsu l-ħsara.*"[14]

Xehdet ukoll fuq l-azzjonijiet li ttieħdu biex jiġu mitigati d-danni. Bħala azzjoni immedjata l-fitted carpet deher li xorob sew u rħiet miegħu ukoll l-għamara. Għal din ir-raġuni qalet lill-assigurata sabiex mill-ewwel javviċinaw kumpanija tat-tnixxif tat-twapet biex isalvaw it-tapit. Kien hemm ukoll ħsara fir-rombli tad-drappijiet, fil-pannelli tal-injam bil-*cushion* li hemm fil-ħanut, ħsara fuq l-ixkaffa, fis-suffett u l-ħajt divizorju ta' wara l-pannelli. Kien hemm wieħed u erbgħin il-romblu ta' drapp fin li kienu imxarrba.

Ftehmet mal-manager tal-ħanut tal-assigurata sabiex ikejjlu r-rombli, u jispezzjonawhom fi ġranet oħra. Ħadet ritratt dak il-ħin tar-rombli li ġew segregati skond il-ħsara.

Permezz ta' *email* lir-rikorrenti datata 25 ta' April 2017 ix-xhud tat rendikont preliminari ta' dak li kienet ikkonstatat (Dok OF 1, fol. 76).

Fir-rapport redatt mix-xhud "*Claim Appointment & Survey Report*" datat 17 ta' Gunju 2017 (Dok OF2, fol. 77 *et seq*) hija kkonkludiet li

---

[14] Fol. 73

> *"Following our findings there is no reason to doubt that the cause of loss is attributed to escaping water from a TP residence. In as far as the insured is concerned, the loss was sudden and unforseen. Despite this, the actions taked at the time of the inċident mitigated the loss to a high degree, as the display stocks were immediately removed from the shelves directly affected by the water." (fol 80) ...*
>
> *"<u>Liability attaching to TP</u>*
>
> *The TP property is undergoing refurbishment. It may therefore be acceptable to a certain point that the mains supply pipe was loosly fitted in the stairwell. Noetheless, the removed tiles and exposed rubble were not covered by any means of protection, e.g. PVC sheets, in forethought of any type of water inċident. It is our opinion that the architect ought to have considered the surrounding properties, especially since there is no insurace cover for any contingent liabilites that might arise out of the works being ċarried out and directly connection with the ownersip of the property. Insurers ought to seek legal advice on this aspect for furture guidance." (fol. 80)*

Ix-xhud ħadet diversi ritratti. Dok OF 10 pprezentat mal-affdavit juri ritratt tal-fond minn fejn beda ħiereġ l-ilma mill-propjetà' tat-terz.

Fuq il-*quantum* tad-danni sofferti mill-assigurata qalet illi:

> *"Minn evalwazzjoni li ghamilt jiena, a bażi tal-fatturi li pprovdieli l-assikurat mill-kotba tiegħu (Dok OF 11), wasalt għal figura ta' € 5655.46 li minnhom naqqasna € 58.23 bħala policy excess u finalment il-claim relattiva għall-inċident ta' April 2017, ġiet aggustata taht il-polza ta' l-assigurat fl-ammont ta' € 5597.23. Din is-somma ma tinkludix VAT.*
>
> *Jiena kont hejjejt rapport dettaljat f' dan ir-rigward li huwa anness bħala Dok. OF 12. Finalment, id-ditta Signet Strategies tħallset minn GasanMamo Insurance Limited is-somma komplessiva ta' € 917.36 bħala loss adjustor and survey fees kif jirizulta mit-tlett fatturi annessi (Dok OF13, OF 14 u OF 15)"*[15]

Meta ġew kwantifikati d-danni sofferti ttieħdet ukoll konsiderazzjoni tas-*salvage value* tar-rombli tad-drappijiet u l-assigurata waslet fi ftehim ma xi kuntatti tagħha għal konstumi tal-karnival u bis-saħħa ta' dan il-ftehim, l-ammont ta' € 360 ġie mnaqqas mill-ammont aġġustat imsemmi qabel u l-assigurata għalqet il-każ billi ffirmat *discharge and subrogation form* fl-ammont ta' <u>€ 5,237.23</u>."[16]

Ir-ritratti eżebiti mix-xhud jinkludu

---

[15] Fol. 74
[16] Fol. 75

- ritratti flimkien ma emails spjegattivi li juru d-danni li ġew sofferti kif ukoll ritratti esebiti a fol- 241 sa 252 li juru kif l-ilma daħal fil-propjetà' tal-assigurata u l-istat li kien fih l-appartament
- ritratti u emails spjegattivi għar-ritratti tad-danni subiti (Dok OF 3 fol. 82-98) Dok OF 4 fol-99 sa 118) Dok OF 5 fol-119 sa 138; Dok OF 6 fol. 139 sa 178; Dok OF 7 fol.179 sa 209; Dok OF 8 fol. 210 sa 232; Dok OF fol. 233 sa 240;
- ritratti li ttieħdu fil-propjetà tal-intimata. Fol. 241-252 li juru kif l-ilma daħal fil-propjetà tal-assigurata u l-istat li kien fih l-appartament.

Ġew eżebiti ukoll numru ta' fatturi fosthom

- Dok OF 11 fol-252 sa 257 invoices ta' tessili u drappijiet
- fol. 263 sa fol. 265 invoices relatati mal-inkarigu tagħha ma Signet Strategies

7. Fl-affidavit tiegħu ipprezentat fil-23 ta' Gunju 2021, **Joseph Abdilla**[17] impjegat ma' Alamango Bridal Limited xehed illi hu kien jieħu ħsieb is-sezzjoni tat-tessuti fil-ħanut in kwistjoni. Il-ħanut ibiegħ drappijiet tal-okkażjoni u għalhekk dawn huma fini. Huwa kien preżenti dak in-nhar tal-inċident. Fuq l-inċident xehed kif ġej:

> *"Dakinhar tal-inċident tas-sena 2017, jiena kont xoghol il-ħanut u kont qed naqdi n-nies, f' hin minnhom mort niġbed romblu mis-sezzjoni tas-sena pura u kif ġbidt dan ir-romblu indunajt li dan kien imxarrab. Barra minn hekk jiena bdejt ninnota wkoll li kien hemm l-ilma nieżel mal-hajt.*
>
> *Bdejt niċċekja u innutajt li kien hemm iktar sinjali ta' tixrib.*
>
> *Jien kif indunajt hekk mort għand ta' fuqna biex inwaqqfu l-ilma li kien ħiereġ mingħandhom."*

Meta daħlu fil-post ta' fuq il-ħanut għalqu l-main tal-ilma biex ma joħrogx aktar ilma. Huwa għen lil surveyor biex ikejlu d-drappijiet imxarbin. Spjega li "*s-surveyor kienet rat dawn ir-rombli u kellna nkejlu kull romblu sabiex naraw kemm kienet estensive l-ħsara fihom.*" Inoltre kkonferma l-ħsara l-oħra li l-kumpanija sofriet riżultat tal-perkolazzjoni tal-ilma. Xehed ukoll li sussegwentement għal dan l-inċident kien hemm żewġt inċidenti oħra ikkawżati minħabba dħul ta' ilma mill-istess propjetà ta' fuq il-ħanut.[18]

---

[17] Fol. 268-269
[18] Fol. 269

*Kunsiderazzjonijiet*

8. Huwa prinċipju fil-liġi tagħna li illi *"***kull wiehed iwiegeb għall-ħsara li tigri bi htija tiegħu**" (Artikolu 1031, Kodici Civili).

9. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawża fl-ismijiet **Kevin Mifsud v. Sparkasse Bank Malta plc et** (Appell Civili Numru. 637/2003/1 PS, 09/02/2005):

> "*huwa principju kwalifikat fil-liġi illi "kull wiehed iwiegeb għall-ħsara li tigri bi htija tiegħu" (Artikolu 1031, Kodici Civili). Din in-norma tikkostitwixxi l-punt kardinali tar-responsabilita extra-kontrattwali u tenuncja r-regola li l-awtur tal-lezjoni għandu jaghmel tajjeb għall-konsegwenzi negattivi patrimonjali subiti mit-terz. Din ir-responsabilita` għandha bħala fonti tagħha l-imgieba imputabbli, li tista' tkun doluza jew kolpuza. Imgieba din li għandha jkollha necessarjament ness ta' kawżalita` ma' l-event dannuz*"

10. Skond l-artikolu 1032 (1) u l-artikoli 1033 tal- Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta:

> **1032. (1) Jitqies fi ħtija kull min bl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja.**
>
> **1033. Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk.**

11. Kif intqal ukoll fil-kawża fl-ismijiet **Captur v. Borg** (PA, 05/10/1993):

> "*kull min, b'xoghol konness ma kostruzzjoni, jaghmel ħsara lill-vicin, jirrispondi għad-danni"*

12. Fil-każ in eżami l-Qorti trid tagħmel eżerċizzju ta' apprezzament tal-provi. Il-prinċipji legali f'dan ir-rigward huma spjegati sew mill-Imħallef Grazio Mercieca fil-ktieb tiegħu, "*Massimarji tal-Imhallef Philip Sciberras Proċedura Ċivili L-Ewwel Volum"*[19]*"*

    1. Ibda biex ir-regola tradizzjonali dwar **tal-piz tal-provi timponi a karigu tal-parti li tallega fatt l-oneru li ġġib il-prova tal-ezistenża tiegħu.** Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatt

---

[19] P. 498

favorevoli li jikkostitwixxu l-bażi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut għas-sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza tal-attur (reus in excipendo fit actor). **Ara Kollez Vol. XLVI.i.5)**

2. **Fil-kors tal-kawża dan il-piż jista joxxilla minn parti għall-oħra,** għax kif jingħad "jista' jkun stabilit fatt li juri *prima facie* li t-teżi tal-attur hija sostenuta". (Kollez. V**ol. XXXVII.I.577**)

3. Il-ġudikant adit mill-mertu tal-każ hu tenut jiddeċiedi *iuxta alligata et probata,* u dan jmporta illi **d-deċizjoni tiegħu tiġi estratta unikament mill-allegazzjonijiet tal-partijiet.** Jiġifieri, minn dawk iċ-ċirkostanzi tal-fatti dedotti ghab-bażi tad-domanda jew tal-eċċezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi **d-dixxiplina tal-piż tal-provi ssir bażi tar-regola legali tal-ġudizzju in kwantu timponi fuq il-ġudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat m' huwiex veru għax mhux ipprovat;**

4. Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq **il-prinċipju tal-konvinċiment liberu tal-ġudikant.** Lilu, hu mogħti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-riżultanti probatorji u allura hu liberu li jibbaża l-konvinċiment tiegħu minn dawk il-provi li hu jidhilrlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji għall-formazzjoni tal-konvenċiment tiegħu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tiegħu hi soġġetta għal dak il-limitu legali imposti fuqu mill-Artikolu 218 tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jrid li fis-sentenza tingħata **motivazzjoni raġunata ku tikkonsenti l-kontroll tal-ħsieb loġiku segwit** fuq appell interpost mis-sentenza. Motavizazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-loġika u r-razzjonalita', kif ukoll koerenti mal-elementi utilizzati allura skond ġurisprudenza konkordi, ma tiġiex disturbata minn Qorti ta' revizzjoni. Ara, b' eżempju, Kollez. Vol. **XXIV.i.104**"

13. Inoltre Fil-ġurisprudenza tagħna nsibu s-segwenti insenjamenti fir-rigward tal-materja in kwistjoni:

1. "*L-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili jippreciza li 'kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu'. Din in-norma tal-ligi fil-kamp tar-**responsabilita` akwiljana** jew extra-kontrattwali tikkostitwixxi l-punt kardinali in subjecta materia, u tennuncja l-principju in virtu ta' liema l-lezjoni kagjonata lis-suggett tobbliga lill-awtur tal-lezjoni li jirrizarcixxi l-konsegwenzi negattivi, ossija d-danni, kompjuti bl-att tieghu. Issa kif saput, il-fonti primarju tar-*

*responsabilita` civili hi ravvizata fl-imgieba imputabbli ghal dolo jew kulpa. Il-ligi civili taghna ma tiddefinixix il-kolpa civili fl-ghemil izda taghmlu jikkonsisti fin-nuqqas ta' prudenza, nuqqas ta' diligenzau nuqqas ta' hsieb tal-bonus paterfamilias [Artikolu 1032 (1), Kodici Civili]...*" **Michael D'Amato noe et. v. Filomena Spiteri et.** (PA, Ċit Nru 886/1993/2 PS, 03/10/2003)

2. "*Intqal diversi drabi li biex tirrizulta responsabbilita' ghall-hsara, irid ikun hemm **ness ta' kawza u effett**, u dan in-ness irid jigi pruvat mill-vittma tal-hsara*". **Carmelo Farrugia et. v. Victor Conti** (PA, Ċit Nru 1060/1995/2 TM, 09/10/2003)

3. "*Il-**prova tad-dannu tispetta lil min jallega li sofrih**. Jinkombi ghalhekk lill-atturi f' dan l-kaz li jaghtu prova ta' l-effettiva ezistenza tad-dannu*" – **Margaret Camilleri et. v. The Cargo Handling Co. Ltd** (PA, Ċit Nru 1560/1995/1 PS, 13/10/2004)

4. "*Tibqa' dejjem, fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, regola sana illi f' materja ta' rizarciment ta' danni, id-danneggjat ghandu jkollu d-dritt jikkonsegwixxi **rizarciment effettiv** li jirrientegra l-patrimonju tieghu minn kull konsegwenza ekonomika ta' l-event dannuz. Li jfisser li dan l-istess rizarciment jista' jikkonsisti f'somma li tekwipara l-valur ta' l-utilitjiet mitlufa*" – **Marco Buttigieg et. v. Rose Cini** (Qorti tal-Appell Inferjuri, App 21/1999/1 PS, 17/11/2004)

5. "*Issa hu principju gwida regolanti materja ta' rizarciment ta' danni illi min isofri dannu **ghandu jigi re-integrat f' dak li jkun tilef** b' konsegwenza ta' l-event dannuz u mhux dak li jiehu vantagg meta dan ikun indebitu jew mhux misthoqq*" - **Sylvia Degiorgio et. v. Massimiliano Da Crema** (PA, Ċit Nru 1560/1995/1 PS, 13/10/2004)

6. "*... di regola d-danneggjat ghandu d-dover li jaghmel dak kollu li hu ragjonevoli biex inaqqas il-hsara konsegwenti ghall-fatt illecitu [Vol.XL.II.653] b' mod li jigi eskluz fil-kazijiet kongruwi, mir-risarciment ta' dik il-parti tad-danni dovuta ghan-nuqqas tieghu li jiehu dawk il-passi. Jibqa' pero' dejjem il-fatt illi huwa **ma huwiex obbligat jitghabba b' pizijiet biex inaqqas il-hsara***" **Percius Car Hire Limited v. Richard Schembri** (Qorti tal-Appell Inferjuri, App Nru 616/2001/1 PS, 20/10/2003)

7. Fil-ġurisprudenza ġie ċitat ukoll f'numru ta' drabi l-*Halsbury's Laws of England* fejn ingħad illi:

   *"The guiding principle of law in mitigation of losses is as follows. It is the duty of the plaintiff to take all reasonable steps to mitigate the loss he has sustained consequent*

*upon the wrongful act in respect of which he sues, and he cannot claim as damages any sum which is due to his own neglect. The duty arises immediately a plaintiff realises that an interest of his has been injured by a breach of contract or a tort, and he is then bound to act, as best he may, not only in his own interests, but also in those of the defendant. He is, however, under no obligation to injure himself, his character, his business, or his property, to reduce the damages payable by the wrongdoer. He need not spend money to enable him minimize the damages, or embark on dubious litigation. The question what is reasonable for a plaintiff to do in mitigation of his damages is not a question of law, but one of fact in the circumstances of each particular case, the burden of proof being upon the defendant."*[20]

8. "…il-kwistjoni ta' x' inhu ragjonevoli li jaghmel id-danneggjat biex jimmitiga l-hsara hi kwistjoni ta' fatt li ghandha tigi konsiderata fic-cirkostanzi ta' kull kaz partikolari, u ***l-oneru tal-prova f' dan ir-rigward specifiku jaqa' fuq il-konvenut"*** – **Joseph Aquilina v. Emmanuele Schembri** (App. Ċiv. 24/01/1969)

14. F'din il-kawża abbażi tal-provi li għandha għad-disposizzjoni tagħha l-Qorti hija sodisfatta li d-danni li ġew sofferti mill-assigurata tar-rikorrenti kienu riżultat tan-negliġenza u nuqqas ta' diliġenza li kien hemm fix-xogħolijiet li kienu qed isiru fil-fond propjetà' tal-intimata u ċertament ma kienx xi każ fortwitu jew forza maġġuri. Ix-xhieda tas-*surveyor u loss adjuster* Odette Farrugia li aċċediet fuq il-post l-għada tal-inċident li huma sorretti mir-ritratti ta' dak li rat jikkombaċu sew max-xhieda ta' Joseph Abdilla[21] li kien preżenti fil-ħin tal-inċident u li ħa azzjoni immedjata sabiex jingħalaq il-main tal-ilma sabiex tiġi mitigata l-ħsara li kienet qed tiġi ikkaġunata. Mill-provi rriżulta li l-ilma ħareġ minn pipe tal-ilma li inqala waqt li kienu qed isiru x-xogħlijiet fil-proprjetà' tal-intimata.

15. Minkejja li kienu għaddejjin ix-xogħolijiet u dak il-ħin li seħħ l-inċident ma kien hemm ħadd fil-post, is-sid ma ħaditx il-prekawzjoni li tagħlaq il-main tal-ilma propju biex jiġu evitati inċidenti ta' din ix-xorta.

16. Kif ġie kkonstatat mix-xhud Odette Farrugia fir-rapport tagħha Dok OF 2 – fol-77- "Claim Appointment & Survey Report" taht il-kap "Liability attaching to TP":

---

[20] Halsburys Laws of England Vol. 11 page 289, 3rd Edition 1955
[21] Fol. 268-269

> *"The TP property is undergoing refurbishment. It may therefore be acceptable to a certain point that the mains supply pipe was loosly fitted in the stairwell. Noetheless, the removed tiles and exposed rubble were not covered by any means of protection, e.g. PVC sheets, in forethought of any type of water inċident. It is our opinion that the architect ought to have considered the surrounding properties, especially since there is no insurace cover for any contingent liabilites that might arise out of the works being ċarried out and directly connection with the ownersip of the property. Insurers ought to seek legal advice on this aspect for furture guidance." (fol. 80)*

17. Dan ir-rapport huwa sopportat ukoll mir-ritratti meħuda minn Odette Farrugia fil-fond sovrastanti u li jinstabu a fol. 244 sa fol. 249 fejn jidher ċar li l-intimata ma ħadet ebda' prekawzjoni sabiex tiġi mitigata l-ħsara f' każ ta' inċident ta' dan it-tip.

18. Il-perkolazzjoni tal-ilma kienet ikkaġunata minn pipe tal-mains li inqala minn postu waqt ix-xogħolijiet. Joseph Abdilla, li kien preżenti dak in-nhar fix-xhieda tiegħu ukoll kkonferma li l-ilma kien ħiereġ mill-pipe li kien konnettjat mal-main u li l-ilma waqaf jinżel meta ingħalaq il-main tal-ilma.

19. M'hemmx dubju li l-assigurata għamlet dawk l-azzjonijiet f' waqthom u immedjati sabiex timmitiga l-ħsara li ġiet ikkaġunata u li ma kienx għal dan kienu jiġu sofferti danni ferm aktar sostanzjali minn dawk li qed jiġu riklamati permezz ta' din il-kawża.

20. Jirriżulta ukoll mill-provi li sar eżerċizzju metikoluż sabiex jiġi determinat kemm kien hemm metri ta' drappijiet tal-okkażjoni mxarba u jekk kienx hemm lok li jkunu salvati. Mill-provi jirrizulta li parti mid-drapp imxarrab seta' jinbiegħ bi prezz ridott lid-dilettanti tal-kostumi tal-karnival u għalhekk is-*salvage value* ġie meħud in konsiderazzjoni mir-rikorrenti fil-likwidazzjoni tas-somma mħallsa lill-assigurata tagħha.

21. Id-danni ġew ukoll pprovati mir-rikorrenti permezz ta' *invoices* esebiti fl-atti ta' din il-kawża inkluż l-ispejjeż tas-survey ikkummissjonat mill-kumpanija rikorrenti (ammontanti għal € 917.36, a fol. 263 sa fol. 265)

22. Għal dawn ir-raġunijiet l-intimata ser tinżamm responsabbli għad-danni li ġew ikkaġunati fil-fond tal-assigurata u li għalihom ir-rikorrenti ħallset € 5,237.23 in adempiment tal-obbligi kuntrattwali li kellha vis-a-vis l-assigurata tagħha, oltre l-ispejjeż li r-rikorrenti inkorriet (€ 971.36) sabiex tasal għas-somma likwidata minnha.

**Deċiżjoni**

23. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimata tilqa t-talbiet tal-kumpanija rikorrenti u:**

1. **tiddikjara illi l- intimata hija debitriċi tal-kumpanija rikorrenti fis-somma ta' sitt elef mija erba' u ħamsin euro u disa' u ħamsin ċenteżmu (€ 6,154.59) rappreżentanti danni sofferti konsistenti (i) f'riżarċiment li għamlet lill-assigurata tagħha wara li din sofriet ħsarat fil-fond tagħha b' kawża ta' perkolazzjoni ta' ilma mill-fond sovrastanti, għal liema ħsarat kienet responsabbli unikament l- intimata, (ii) fi spejjeż anċillari li kellha tinkorri sabiex tasal għar-riżarċiment imsemmi**

2. **tordna lill-intimata tħallas dan l-ammont lill-kumpanija rikorrenti flimkien mal-imgħax legali dekoribbli b'effett mis-26 ta' Marzu 2019 sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjeż tal-kawża ikunu a karigu tal-intimata.**

V.G. Axiak — Maġistrat

Y.M. Pace — Dep. Reġistratur